MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 720/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**JOE BUTTIGIEG bin Edward u Mary Rose nee' Abela, imwieled fit-tletin ta' Awissu, 1978 u residenti Edmar, Triq l-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-Identita' numru 20478G**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **JOE BUTTIGIEG** bin Edward u Mary Rose nee' Abela, imwieled fit-tletin ta' Awissu, 1978 u residenti Edmar, Triq l-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-Identita' numru 20478G, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-tmintax ta' Awissu, 2006

ghal habta ta’ nofsinahr w ghoxrin waqt li kien fi Triq ix-Xatt, Mgarr, limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex:

1) Iggestixxa attivita’ kummercjali minghajr licenzja mill-Awtorita’ regolatorja (taqsima licenzji tal-Kummerc);

2) talli fl-istess data, hin u lok pogga jew qieghed tabella jew umbrella minghajr il-permessi necessarji mill-awtorita’ kompetenti;

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil rappresentant tal-MEPA Gordon Grech, lil rappresentant tal-Lands Department Twanny Catania li qal li bniedem bi trakk li jikri deckchairs w umbrelel ghandu bzonn permess mill-Lands Department, lil rappresentant tat-Trade Department Mark Rapa u lil rappresentant tal-Kunsill Lokali, Ghajnsielem.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit tal-istess PS 369 Joseph Mizzi u l-okkorrenza minnu esibita.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta l-akkuza ma tirrizultax ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 14(1) tal-Kap 441 u l-artikolu 338(gg) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------